# Maximus adottat fi Sqallija

## L-Avultun Prim salvat mill-Port Ħieles issa qed jingħata l-kura f'Palermo qabel ma jinħeles fil-Park ta' Nebrodi

L-Avultun Prim (Griffon Vulture) salvat minn BirdLife Malta fil-Port Ħieles ta' Birżebbuġa nhar il-Ġimgħa issa jinsab qawwi u sħiħ fi Sqallija. L-Avultun Prim *(Gyps fulvus)*, li ngħata l-isem 'Maximus', kien salvat wara li nqabad minn fuq krejn fil-Freeport, u hu l-akbar għasfur li qatt ġie mgħoddi f'idejn BirdLife Malta biex tikkurah kemm ilha mwaqqfa din l-NGO.

Hu wasal Malta nhar il-Ġimgħa wara li hu maħsub li niżel fuq bastiment tal-merkanzija waqt li dan kien qed jaqsam l-Istrett ta' Ġibiltà. Wara erbat ijiem fil-kura ta' BirdLife Malta, ilbieraħ (l-Erbgħa 8 ta' Ġunju), Maximus kien trasferit lejn *wildlife centre* fi Sqallija biex jieħu lura saħħtu u l-indipendenza tiegħu qabel ma jinħeles fil-Park ta' Nebrodi, sit fejn ilu għaddej mill-1998 programm ta' riintroduzzjoni ta' din l-ispeċi.

Mill-kulur tar-rix, ir-ras u l-għajnejn, Maximus jidher li għandu bejn sena u sentejn li jfisser għasfur ta' età żgħira għal din it-tip ta' speċi. F'din l-età tkun għadek ma tistax tgħid ta' liema sess hu.

Meta nqabad, Maximus kellu problemi serji ta' nuqqas ta' piż u l-kundizzjoni tiegħu kienet tinħtieġ trattament immedjat. Ilbieraħ filgħodu staff ta' BirdLife Malta akkumpanja lill-għasfur lejn Sqallija fejn ġie mgħoddi f'idejn uffiċjali tal-Istituto Zooprofilattico Sperimentale della Sicilia, bid-destinazzjoni finali tiegħu tkun il-Parco Faunistico Venatorio Parco D'Orleans f'Palermo fejn issa qed jingħata aktar kura biex jingħata lura saħħtu.

Malli jkun ħa lura saħħtu u l-indipendenza tiegħu, Maximus jiġi mħejji biex jingħaqad ma' sħabu fil-Parco Dei Nebrodi fejn hemm popolazzjoni ta' madwar 100 avultun bħal dan li inizjalment ġew introdotti f'dan il-post minn Spanja. Lil Maximus se jitpoġġielu ċurkett uniku b'numru apposta li jkun jista' jinqara mill-bogħod biex ikun jista' jiġi identifikat u ssorveljat. Finalment jiġi trasferit lejn *enclosure* fil-Park ta' Nebrodi qrib l-avultuni l-oħra qabel ma jiġi rilaxxat biex jingħaqad magħhom.

Minħabba l-fatt li nstab fil-Port Ħieles u l-fatt li hu speċi rari għal Malta, kollox jindika li l-Avultun Prim Maximus tela' fuq vapur tal-merkanzija li kien fi triqtu lejn Malta. Probabbilment il-bastiment kien għamel vjaġġ mill-Ekwador lejn Malta u għadda mill-Istrett ta' Ġibiltà li kien il-punt fejn l-għasfur niżel fuq il-vapur.

Kien nhar il-Ġimgħa li l-bastiment daħal il-Port Ħieles biex iniżżel il-kontejners u f'dak il-mument jidher li t-tajra ġiet disturbata u spiċċat fuq krejn, bla saħħa biex ittir iktar 'il bogħod. Probabbli, għalhekk, li Maximus hu ta' oriġini Spanjola.

F'kummenti dwar dan, il-Conservation Manager ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara saħaq: "Minkejja li dehret xi ħaġa impossibbli, ninsab kuntent li rnexxielna nikkonvinċu lil dawk kollha involuti f'dan il-każ li l-aħjar u l-unika soluzzjoni fiċ-ċirkostanzi kienet li nieħdu lill-għasfur fil-kustodja tagħna. Qatt qabel ma kelli f'idejja tajra bħal din u qatt qabel ma kont tlajt fuq krejn, imma ma stajniex nistennew u ridna nieħdu azzjoni immedjata. Aħna grati lejn l-istaff tat-taqsima tal-Administrative Law Enforcement tal-Pulizija u l-uffiċjali tal-Malta Freeport li assistewna f'dawk il-mumenti. Armat biss b'liżar, dak il-ħin għattejt lill-għasfur

waqt li kien rieqed u wara li rbatnieh biex la jweġġa' hu u lanqas aħna, niżżilnieh lejn l-art mill-għoli li kien fih".
Il-Conservation Coordinator ta' BirdLife Malta Nick Piludu spjega: "Il-fiduċja tal-awtoritajiet tal-Gvern f'BirdLife Malta u fil-kapaċità tagħna li nagħtu l-aħjar kura lill-għasfur hi ta' min ifaħħarha. Meta ngħatajna l-konferma li l-Avultun Prim kien se jgħaddi f'idejna biex nieħdu ħsiebu, ikkuntattjajna mill-ewwel lill-imsieħba tagħna fi Sqallija, il-Greċja u l-Ungerija biex nieħdu l-aħjar parir dwar kif għandna nagħtuh lura saħħtu. Sa xħin wasal il-ħin tat-trasferiment tiegħu lbieraħ filgħodu lejn Sqallija, tmajnieh b'mod regolari dieta ta' laħam. Aħna fiduċjużi li Maximus issa jinsab qawwi u sħiħ f'idejn min jista' jieħu ħsiebu aħjar u nittamaw li ma jdumx ma jinħeles fil-Parco Dei Nebrodi".
BirdLife Malta tixtieq tirringrazzja lill-Administrative Law Enforcement (ALE), l-istaff tal-Freeport u d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għall-assistenza tagħhom f'dan is-salvataġġ. Tixtieq tirringrazzja wkoll lill-Wild Birds' Regulation Unit (WBRU), id-Diviżjoni Veterinjarja tal-Gvern u l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi tal-fiduċja tagħhom fl-organizzazzjoni, kif ukoll talli awtorizzaw u assistew fl-arranġamenti loġistiċi li wasslu biex l-għasfur ilbieraħ ġie trasferit b'suċċess lejn Sqallija.
Radd ta' ħajr tal-aħħar imur lill-Istituto Zooprofilattico Sperimentale della Sicilia talli aċċetta li jadotta lil Maximus bħala parti mill-programm ta' riintroduzzjoni ta' Avultuni fil-Parco Dei Nebrodi ta' Sqallija.
**Ara wkoll (i) *timeline of events* b'rabta mal-istorja ta' Maximus u (ii) *fact sheet* dwar l-Avultun Prim f'dokumenti PDF separati.**

**L-Avultun Prim**

- Jgħix sa 30 sena fis-salvaġġ
- Jibqa' mal-istess sieħeb/sieħba
- Ibid biss bajda waħda fis-sena
- Kif inhu tipiku għal kull speċi ta' avultuni, l-ikel tiegħu jiġi primarjament minn karkassi ta' annimali mejta li kapaċi jidentifika mill-bogħod ħafna

**L-Avultun Prim f'Malta**

L-Avultun Prim (Griffon Vulture) hu kkunsidrat bħala speċi rari ħafna għal Malta. Il-ħabitat tiegħu normalment jikkonsisti f'zoni kbar miftuħa u rdumijiet jew muntanji fejn ibejjet, xi ħaġa li f'Malta m'għandniex.
Normalment huwa għasfur residenti, li ma jpassix, għalkemm kultant dan iseħħ. L-eqreb popolazzjoni lejn Malta hija kolonja ta' madwar 100 avultun fil-Parco Dei Nebrodi fit-Tramuntana ta' Sqallija.
Fl-istorja riċenti nsibu żewġ okkażjonijiet fir-rekords – Avultun Prim li nqatel fl-1847 f'post mhux magħruf u ieħor li nqatel fis-6 ta' Ottubru 1991 fuq il-baħar 'il barra minn Filfla. Dan l-aħħar każ kien qanqal protesta minn dik li dak iż-żmien kienet l-MOS (Malta Ornithological Society) minħabba li l-pulizija ma kinitx ħadet azzjoni kontra persuna suspettata b'dan il-qtil. Minkejja li jissemmew xi każi oħra li fihom deher l-Avultun Prim f'Malta, dawn mhumiex ikkonfermati. Għaldaqstant, probabbli li l-istorja ta' Maximus hi l-ewwel waħda ta' Avultun Prim li ġie salvat u għex f'Malta, biex ġie riintrodott fi Sqallija.

**L-Avultun Prim fi Sqallija**

L-Avultuni Primi fi Sqallija saru estinti fl-1969. Programm ta' riintroduzzjoni tagħhom inbeda fl-1998, b'madwar 30 għasfur jiġu introdotti minn Spanja fuq perjodu ta' 7 snin. L-ewwel avultun Sqalli mill-bidu ta' dan il-programm faqqas fl-2005. Aktar ħidma biex tkompli tikber

il-popolazzjoni ta' din l-ispeċi ssir bl-użu ta' *feeding stations* kif ukoll bl-introduzzjoni ta' aktar minn dawn l-għasafar minn Spanja. **(Sors: ara l-ħoloq hawn taħt)**

## TMIEM


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Ritratti u filmati (is-salvataġġ ta' Maximus fil-Port Ħieles u t-trasferiment lejn Sqallija) jistgħu jitniżżlu minn:**
https://we.tl/MHX2vcvXB9 (Jekk jogħġbok ikkredita lil BirdLife Malta)

**Ħoloq utli:**
L-Avultun Prim fi Sqallija
http://www.ajol.info/index.php/vulnew/article/download/37633/25941
http://www.parcodeinebrodi.it/files/Grifone/Il_progetto_di_reintroduzione_del_Grifone_nel_Parco_dei_Nebrodi.pdf

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/